



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Frar 2020
(OR. en)

15192/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0395 (NLE)

COEST 296

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Sħubija stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Sħubija u dawk tal-Kumitat ta' Sħubija, is-sottokumitati speċjalizzati u korpi oħra stabbiliti mill-Kunsill ta' Sħubija, u l-istabbiliment tal-lista ta' Sottokumitati, għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim għajr it-Titolu II tiegħu

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Sħubija
stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u
l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom,
minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, fir-rigward
tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Sħubija u dawk tal-Kumitat ta' Sħubija,
is-sottokumitati speċjalizzati u korpi oħra stabbiliti mill-Kunsill ta' Sħubija,
u l-istabbiliment tal-lista ta' Sottokumitati, għall-applikazzjoni
ta' dak il-Ftehim għajr it-Titolu II tiegħu**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, l-Artikolu 100(2), l-Artikoli 207 u 209 flimkien mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 218(8) u mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra¹ ("il-Ftehim") ġie ffirmat fi Brussell fl-24 ta' Novembru 2017 u ilu japplika proviżorjament mill-1 ta' Ġunju 2018.
- (2) L-Artikoli 362 u 363 tal-Ftehim jistabbilixxu Kunsill ta' Sħubija u Kumitat ta' Sħubija biex jiffaċilitaw il-funzjonament tal-Ftehim.
- (3) Taħt l-Artikolu 362(4) tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Sħubija għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess u, taħt l-Artikolu 363(4) tal-Ftehim, fir-regoli ta' proċedura tiegħu l-Kunsill ta' Sħubija jiddetermina d-dmirijiet u l-operat tal-Kumitat ta' Sħubija.
- (4) Sabiex ikun żgurat il-funzjonament effettiv tal-Ftehim, jenħtieġ li jiġu adottati r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Sħubija u dawk tal-Kumitat ta' Sħubija.

¹ ĠU L 23, 26.1.2018, p. 4.

- (5) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2018/104¹, matul il-perijodu ta' applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Sħubija jista' jieħu deċiżjonijiet biss safejn jikkonċernaw kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim kif previst f'dik id-Deċiżjoni.
- (6) Taħt l-Artikolu 364(2) tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Sħubija jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi sottokomitati u korpi oħra f'oqsma speċifiċi li jistgħu jgħinuh iwettaq dmirijietu. Barra minn hekk, fir-regoli ta' proċedura tiegħu, il-Kunsill ta' Sħubija għandu jiddetermina l-kompożizzjoni, id-dmirijiet u l-operat ta' tali sottokomitati u korpi oħra.
- (7) Il-Kunsill ta' Sħubija għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Sħubija u dawk tal-Kumitat ta' Sħubija, is-sottokomitati u korpi oħra.
- (8) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Sħubija, billi d-Deċiżjoni li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Sħubija u dawk tal-Kumitat ta' Sħubija, is-sottokomitati u korpi oħra stabbiliti mill-Kunsill ta' Sħubija, u li tistabbilixxi l-lista ta' Sottokomitati, se tkun vinkolanti fuq l-Unjoni.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/104 tal-20 ta' Novembru 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra (ĠU L 23, 26.1.2018, p. 1).

- (9) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Sħubija tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Sħubija li jinsab mehmuż.
- (10) Din id-Deċiżjoni mhijiex relatata mal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Sħubija sa fejn din hija maħsuba biex tirregola l-operat tal-korpi stabbiliti taħt il-Ftehim fl-applikazzjoni tat-Titolu II tal-Ftehim, li fih dispożizzjonijiet relattivi għall-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-Unjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. L-għan u l-kontenut ta' dawk id-dispożizzjonijiet huma distinti u indipendenti mill-għan u l-kontenut tad-dispożizzjonijiet l-oħrajn tal-Ftehim maħsuba għall-istabbiliment ta' sħubija bejn il-Partijiet. Deċiżjoni separata, li hija relatata mal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Sħubija sa fejn tkun maħsuba biex tirregola l-operat tal-korpi stabbiliti taħt il-Ftehim fl-applikazzjoni tat-Titolu II tal-Ftehim, se tiġi adottata b'mod parallel ma' din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Sħubija stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Sħubija u dawk tal-Kumitat ta' Sħubija, is-sottokumitati u korpi oħra stabbiliti mill-Kunsill ta' Sħubija, u l-istabbiliment tal-lista ta' Sottokumitati, għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim għajr it-Titolu II tiegħu, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Shubija¹.
2. Tibdil tekniku minuri għall-abbozz ta' Deċiżjoni jista' jiġi aċċettat mir-rappreżentanti tal-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Sħubija mingħajr deċiżjoni ulterjuri mill-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Ara d-dokument ST 15226/19 fuq is-sit web <http://register.consilium.europa.eu>.